**287. Il-Ministru tal-Edukazzjoni u tal-Intern l-Onor. Ugo Mifsud Bonnici jipproponi:**

Billi l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta bi ħsiebu jagħti b'ċens lill-Parroċċa tax-Xagħra, biċċa art fix-Xagħra, deskritta aħjar fl-Abbozz ta' Ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, għaż-żmien, biċ-ċens u taħt il- kundizzjonijiet li jinsabu fl-istess abbozz;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (ċ) tas-subartiklu (1) tal- artiklu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita "skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment";

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-art fix-Xagħra deskritta aħjar fl-abbozz tal-ftehim li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tiġi mogħtija b'ċens lill-Parroċċa tax-Xagħra għaż-żmien, għall-iskop u skond il-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmijin fl-istess abbozz.

27.08.1991